MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 166/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti huma l-genituri tal-minuri X illi twieldet barra miz-zwieg fil-5 t'Awissu, 1999 (vide Dok. 'A');

Illi l-minuri tinsab fil-kura u kustodja fattwali tal-konvenuta;

Illi l-attur ihallas lill-konvenuta retta alimentari ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fil-gimgha bhala manteniment ghall-minuri bintu X u dan kif ordnat b’Digriet Numru 151/2004 moghti mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili (vide Dok. ‘B’);

Illi ghalkemm l-attur ghandu access regolari ghal bintu minuri X u ghalkemm b’digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili illli jgib in-numru 152/2002 (vide Dok. ‘C’) gie ordnat illi l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri kull nhar ta’ Tnejn, Hamis u l-Gimgha bejn il-5pm u s-7pm u kull nhar ta’ Hadd bejn l-10am u s-1pm, kien hemm u ghad hemm bejn il-kontendenti diversi problemi rigwardanti l-ezercizzju ta’ dan l-access, kemm ghal dak illi jirrigwarda l-granet u l-hinijiet tal-access u kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-post minn fejn l-attur ghandu jigbor u li fih huwa ghandu jirritorna lill-minuri, liema problemi huma r-rizultat ta’ piki inutili u ta’ attitudni intranzigenti u irragjonevoli da parti tal-konvenuta;

Ukoll illi l-konvenuta qed tonqos milli tgharraf lill-attur dwar affarijiet essenzjali illi jolqtu mill-qrib l-interess tal-minuri u qed teskludi lill-attur mill-attivitajiet u l-avvenimenti importanti illi jikkoncernaw lill-minuri u t-trobbija taghha;

Ukoll illi f’diversi okkazjonijiet l-attur qed jigi mcahhad mill-access ghal bintu minuri bl-iskuzi illi l-istess minuri ma tkunx tiflah meta sussegwentement l-attur jirrizultalu illi dan ma kienx minnu;

Illi l-attur jahdem bhala xufier bil-‘minibus’ u f’dawn l-ahhar snin minn meta inghata d-Digriet Numru 151/2002 l-introjtu tal-attur naqas sostanzjalment kemm minhabba illi naqas ix-xoghol b’rizultat ta’ zjieda markata fil-kompetizzjoni fis-settur tat-trasport u kif ukoll minhabba z-zjidiet vertiginuzi fl-ispejjez ta’ dan in-negozju;

Ukoll illi l-konvenuta ghandha xoghol full-time u paga sostanzjali u regolari u ghalhekk hija obbligata loi tikkontribwixxi bl-istess mod bhall-attur versu t-trobbija tal-minuri X;

Illi l-attur kien irrifera dan il-kaz ghall-medjazzjoni (Ittra Numru 27/2005) li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok. ‘D’ izda l-medjazzjoni ma hallietx frott u ghalhekk b’Digriet Numru 72/2005 (ara Dok. ‘E’) din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attur sabiex jipprocedi b’kawza ‘ad hoc’.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, taghti ordni dwar l-affidament tal-kura u kustodja tal-minuri X;

2. taghti ordni dwar l-ezercizzju tal-*patria potesta’* fir-rigward tal-imsemmija minuri X sabiex jigi assigurat illi d-decizjonijiet importanti rigwardanti t-trobbija, is-sahha u l-edukazzjoni tal-imsemmija minuri jittiehdu miz-zewg genituri flimkie, salv, fin-nuqqas ta’ qbil, l-ordni ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. taghti dawk l-ordnijiet kollha mehtiega u necessarji sabiex jigi assigurat illi z-zewg partijiet jippartecipaw fl-avvenimenti u l-attivitajiet kollha skolastici u socjali li jirrigwarda l-istess minuri X;

4. f’kaz illi l-kura u l-kustodja tal-minuri X tigi affidata lill-konvenuta, taghti lill-attur dritt t’access adegwat ghall-istess minuri u tiffissa dawk il-granet, hinijiet u modalitajiet dwar kif ghandu jigi ezercitat tali access;

5. taghti dawk l-ordnijiet illi jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni rigwardanti l-manteniment tal-minuri X tenut kont tal-htigijiet u l-bzonnijiet tal-istess minuri u tac-cirkostanzi u l-fakultajiet taz-zewg kontendenti;

6. jekk ikun il-kaz, tvarja u/jew tirrevoka d-Digriet Numru 151/2002 u 152/2002 moghti mis-Sekond’Awla tal-

Qorti sa fejn dawn ikunu inkompatibbli mas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. taghti dawk l-ordnijiet mehtiega u necessarji fir-rigward tal-passport tal-minuri X sabiex jigi assigurat li ebda parti ma tkun tista' ssiefer bil-minuri minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra, salv dejjem kull ordni moghti minn din l-Onorabbli Qorti;

8. taghti dawk l-ordinijiet u l-provvedimenti l-ohra kollha talvolta mehtiega u necessarja fl-interess tal-minuri X.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport tal-Avukat tat-tfal Dottor Stephanie Galea.

Semghet il-provi.

Rat l-affidavits tal-partijiet u ta' omissis ippresentati mill-attur; u ta' omissis ippresentati mill-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghs-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieldet il-minuri fil-5 ta' Awwissu, 1999. Eventwalment ir-relazzjoni intemmet u l-partijiet kellhom diversi kwistjonijiet fuq l-access u kwistjonijiet ohra li generalment jinqalghu f'kazi simili, forsi

hawnhekk accentwati billi l-attur jidher li dahal f'relazzjoni ma' mara relatata biz-zwieg mall-konvenuta. Fuq talba ta' l-attur, l-allura Sekond'Awla tal-Qorti Civili kienet tat digriet fl-1 ta' Frar, 2002 fejn il-konvenuta nghatat kura u kustodja u gie ffissat l-access. Gie ffissat manteniment ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) fil-gimgha.

*Nonostante* l-posizzjoni inizjalment rigida tal-partijiet, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005 l-Qorti tat digriet wara li kellmet l-partijiet li dehru ftit jew wisq kuntenti bih. Dan b'riferenza ghar-rikors li ppresenta l-attur kwazi kontestwalment mall-kawza. Fil-fehma tal-Qorti (anke tal-Avukat tat-tfal) dan id-digriet ghandu jkun il-bazi li fuqu ghandhu jibqa jigir regolat l-access. Dan id-digriet irregola l-kondizzjonijiet tal-access. Il-Qorti mbaghad innominat lill-Avukat tat-tfal li ppresentat ir-relazzjoni taghha fil-21 ta' Novembru, 2005.

Il-Qorti jidhrilha li r-rapport ta' l-imsemmja Avukat tat-tfal huwa dettaljat bizzejjed u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom huma kondivisi minn din il-Qorti. Ghalhekk il-Qorti se tiddeciedi principalment a bazi tar-rapport. Huwa ta' dispjacir ghall-Qorti li jkollha tiddeciedi hi minflok ma l-partijiet jikkollaboraw ghall-gid tat-tifla. Fir-rigward tal-manteniment se zzid bi ftit l-ammont billi ghaddew erbgha snin minn meta nghata d-digriet vigenti u zgur li minn dak iz-zmien il-valur tal-flus naqas.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet attrici billi;**

**1. taffida l-kura u kustodja tal-minuri X lill-konvenuta;**

**2. fil-waqt li tirrakkomanda lill-konvenuta tinforma lill-attur dwar l-iktar decizjonijiet importanti fejn tidhol sahha u edukazzjoni l-Qorti thoss li ghandha thalli dawn f' idejn il-konvenuta;**

**3. tordna lill-konvenuta biex tinforma dejjem lill-attur bil-progress edukattiv tal-minuri;**

**4. tipprovdi dwar l-access billi tordna li dan ikun esercitat mill-attur nhar ta' Tnejn bejn il-5. 45pm u t-8.15 pm; nhar ta' Gimgha bejn il-4.45pm u t-8.15 pm u alternattivament is-Sibt u l-Hadd bejn l-10. 00 am u l-5. 00 pm – meta pero' l-attur ikun xoghol xi wahda minn dawn il-granet jesercita l-access fil-gurnata l-ohra (is-Sibt jew il-Hadd) purke' javza lill-konvenuta mill-inqas 48 siegha qabel; f' jum il-missier l-attur ikollu access anke jekk ikun imissu li jehodha s-Sibt u f'jum l-omm it-tifel tibqa' ma' ommha u allura l-access jigi esercitat is-Sibt; dwar il-festi natalizji l-access bhala sieghat ikun bhal nhar ta' Sibt jew il-Hadd, alternattivament il-Milied u l-ewwel tas-sena (jigifieri t-tifla tkun l-ewwel sena il-Milied mal-attur u l-ewwel tas-sena mal-konvenuta u mis-sena ta' wara bil-maqlub ta' hekk);**

**5. tordna lill-attur biex ihallas manteniment ta' tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm28) fil-gimgha ghall-minuri, lill-attrici, *rebus sic standibus;***

**6. tirrevoka d-digriet tas-Sekond'Awla msemmi fic-citazzjoni fejn ma jaqblix ma' din is-sentenza;**

**7. tordna li l-konvenuta ikollha l-passaport tal-minuri izda l-istess minuri ma tistax tinhareg minn Malta minghajr il-kunsens taz-zewg genituri jew bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti;**

**8. tordna lill-partijiet biex ghall-gid tal-minuri jikkolaboraw u mhux ikomplu ghaddejjin b'piki u vertenzi gudizzjari.**

**L-ispejjes tal-kawza ikunu bla taxxa;**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------